# Paċi u Ġid

No. 92: Marzu 2019

"God's love is unbounded: It has No Limits!"

Pope Francis



## Il-messaġġ tal-Madre Provinċjali
Sr Claudia Zammit



Għeżież Qarrejja,

Ftit ġranet ilu aħna s-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù fakkarna s-67 Anniversarju mill-mewt tal-għażiża Fundatriċi tagħna Madre Margerita De Brincat. Matul ħajjitha hija dejjem żammet il-ħarsa tagħha fuq Ġesù għax kif insibu miktub fl-ittra lil Lhud *"minnu tibda u fih tintemm il-fidi tagħna"* (Lhud 12:2). Dan hu l-impenn tal-insara kollha, b'mod partikulari ta' dawk li jemmnu. Din il-fidi titlob minna konverżjoni lejn Kristu, fidi li tintelaq biex tagħmel dak li jrid Alla u fidi li turiha bl-imħabba.

Dawn it-tliet aspetti narawhom fil-ħajja tal-Fundatriċi tagħna u fil-ħajja ta' Missierna San Pawl li l-festa tiegħu ta' kull sena nfakkruha fl-10 ta' Frar. Madre Margerita kellha ħeġġa kbira biex tasal u tgħix hi l-konverżjoni għax fiha kienet tara espressjoni ta' fidi vera. Kienet persważa mill-ħtieġa li fil-ħajja nisranija jkun hemm il-ġlieda magħna nfusna biex fil-qalb tal-bniedem issaltan l-imħabba u nimtlew b'Ġesu Kristu. Dwar dan kitbitilna hekk: *"Ejja nħobbu bla qies... jeħtieġ iżda li nitqabdu dejjem kontra l-għadu kbir tagħna li qiegħed dejjem fina."* Għal Pawlu ta' Tarsu, bla dubju ta' xejn, l-akbar ġrajja ta' ħajtu kienet dik ta' Damasku, l-konverżjoni tiegħu (Gal 1,15-16). Hija ġrajja li biddlet mill-qiegħ lil Pawlu u għamlitu nisrani veru, missjunarju mimli ħeġġa, appostlu żelanti u xhud kuraġġuż għall-bnedmin ta' kull żmien. Meta huwa ġie f'kuntatt ma' Kristu, Pawlu sar ħolqien kollu kemm hu ġdid u minn dak il-ħin tal-konverżjoni 'l quddiem seta' jgħid: *"Il-Ħajja tiegħi hija Kristu"*(Fil 1,21).

Madre Margerita kellha fidi vera li din urietha biċ-ċar fit-telqa sħiħa f'idejn Alla, Dak li hu Imħabba. Il-fidi tagħha fil-kobor bla tarf tal-Imħabba ta' Alla u fil-preżenza ta' Alla bħala missier fi spirtu ta' abbandun sħiħ fil-Providenza t'Alla turihulna meta kitbet:" X'għandi nagħmel għajr li nintelaq kollni kemm jien fil-ħarsien patern tal-Providenza Divina!" Din hija turija ċara ta' kif hi afdat ruħha b'liberta' kbira f'idejn Alla li hu Missier li jħobbna.



Kull bniedem jasal biex jintelaq



kompletament f'idejn Alla. Pawlu kompletament ħalla f'idejn Alla. Fl-ittra tiegħu lill-Filippin San Pawl mill-ħabs kiteb hekk: *"Irridkom tkunu tafu, ħuti. Li kull ma ġara lili safa aktar ta' ġid biex ġieb 'l quddiem l-Evanġelju; għax b'hekk, kull ma jinsab fil-Pretorju u l-oħrajn kollha lkoll saru jafu li jiena marbut fil-ħabs għal Kristu, u l-biċċa l-kbira tal-aħwa għamlu l-qalbfil-Mulej minħabba fil-ktajjen tiegħi, u bdew ixandar l-Kelma bil-kuraġġ u bla biża' ta' xejn"* (Fil 1:12-14). Minkejja ċ-ċirkustanzi tiegħu, Pawlu faħħar lil Alla u kompla jxandar l-Vanġelju (cfr Atti: 16:22-25).

Permezz tat-tbatijiet u s-sofferenzi tiegħu, Pawlu kien jaf x'seta'jkun ir-riżultat ta' ħajja mgħixha tajjeb għal Kristu. Huwa ħalla ħajtu b'fiduċja sħiħa u f'kollox f'Alla. Huwa kiteb: *"Għax għalija li ngħix hu Kristu, u li mmut huwa rebħ"* (Fil 1:21).



Il-kliem tal-Appostlu San Ġakbu: *"X'jiswa, ħuti, li wieħed jgħid li għandu l-fidi jekk ma jurihiex fil-għemil tiegħu?"* (Ġak.2:14) igħodd ħafna għal Madre Margerita. Il-fidi tagħha fil-Providenza, fit-tjubija tiegħu, fl-Inkarnazzjoni u l-Mewt ta' Ġesù, fl-Ewkaristija saret tassew imħabba. Kellha xewqa kbira li kulħadd jikber f'din il-fidi li ssir imħabba. Kienet wkoll tinsisti li l-imħabba tintwera bil-fatti. Hija tgħidilna: *"L-Imħabba mingħajr ħafna tbatija,sagrifiċċju u umiljazzjoni, m'hi mħabba xejn"*.




F'San Pawl insibu li hemm relazzjoni kbira bejn il-fidi u l-imħabba. Għal Pawlu ma jagħmilx sens li tikellem fuq l-imħabba ta' Kristu u tagħmel lin-nies konxji minn din l-imħabba jekk huma m'għandhomx fidi fi Kristu. Il-fidi u l-imħabba jaħdmu id f'id (Gal 5:6) Hija l-imħabba li tibnina (1Kor 8:1) u li hija l-akbar fost il-virtujiet kollha (1Kor 13:14). Għalhekk Pawlu jħeġġiġna

biex nagħmlu ħilitna biex ngħixu fl-imħabba li hija l-pedament tal-għixien tal-ħajja nisranija.

Kif rajna kemm il-Fundatriċi tagħna Madre Margerita kif ukoll Missierna San Pawl bit-tagħlim u bix-xhieda tal-ħajja tagħhom iħeġġuna biex b'kuraġġ kbir inkomplu l-mixja tagħna 'l quddiem lejn fidi vera u awtentika kif imxew huma qabilna.

Paċi u Ġid lil Kulħadd!!!

Tagħkom fi Kristu,
Sr Claudia Zammit
*Superjura Provinċjali*
*******************************************************************************

# Lenti fuq il-Kelma t'Alla

"Il-kelma li ġiet lil Ġeremija mingħand il-Mulej u qallu: "Qum u inżel għand il-fuħħari: u hemm jiena nsemmgħek kliemi." Jiena nżilt għand il-fuħħari, u sibtu qiegħed jaħdem fuq ir-rota. U hekk kif il-ġarra li kien qed jaħdem ħarġitlu ħażin, kif jiġrilu t-tafal f'idejn il-fuħħari, dan raġa' għamel oħra minnha kif għoġob lilu. Imbagħad il-Mulej kellimni u qalli:"Dar Iżrael, jaqaw ma nistax nimxi magħkom bħal dan il-fuħħari?" "Bħalma hu t-tafal f'idejn il-fuħħari, hekk intom f'idejja".

Ġer 18: 1-6

"F'għajnejja inti l-isbaħ u l-aħjar. Jien sawwartek bil-ħsieb". Dan hu li qed jgħid Ġesù lilek permezz ta' din it-tixbiha. Iva, dan hu l-mod ta' kif Ġesù qed iħares lejk, ta' kif jaħsibha fuqek. Hu jħares lejk u jitbissem. Tbissima ta' sodisfazzjon għas-sbuħija li hemm ġo fik, forsi li għadha moħbija.

Le, il-perspettiva tiegħU fuqek qatt m'hi se tinbidel. Hu qatt m'hu se jibdel il-ħsieb tiegħu fuqek, jiġri x'jiġri u tagħmel x'tagħmel. Ġesù qatt ma jaqta' qalbu, dwar ħadd minnha! Qatt ma jasal biex lilna jċedina, iwarrabna. Hu juża' magħna l-istess delikatezza tal-fuħħari.

Kultant din ix-xbieha tiegħu, inxellifha xi ftit, frott tal-għażliet li nieħu. Ġesù dan jarah għax konxju mid-dgħufija tiegħi. Imma ma jħallinix hekk. Proprju għax Hu jemmen fil-mod tal-għaġeb li bih sawwar din is-sbuħija...lili, lilek... Hu jagħmel minn kollox biex jipperfezzjona din l-immaġini li Hu ħolom ġewwa

fija kull darba li jien inxellifha.



Hawnhekk nidħol jien. Sabiex Ġesù jaħdem fija, jien ma nistax noħloq ostakli. Ma nibżax nintelaq f'idejH bħat-tafal f'idejn il-fuħħari biex jerġa' jagħġinni mill-ġdid f'dik il-ġarra sabiħa li ħolom sa mill-bidu. Mela la darba int ħolqien tiegħu, inti m'intix żball, falliment. Tinsa' qatt
l-identità tiegħek…min int fil-verità.

Inti tiegħU! Mela inti bilfors rigal sabiħ. Ħares ġewwa fik, fil-profondità tiegħek. U ara r-rifless ta' dak li Ġesù jara fik; Dak li Hu ħolom fuqek sa mill-bidu nett. Emmen f'dak li verament INT… għax int l-idea brillanti tiegħU!

******************************************************************************

Attività fl-iskola ta' St Francis B'Kara

## Il-Jum Dinji tat-Tfal

miktuba mill-istudenti tat-Tielet u r-Raba' Sena



L-20 ta' Novembru huwa l-Jum Dinji ddedikat għat-tfal kollha. Fl-iskola ta' St Francis B'Kara dan kien jum speċjali li fih aħna l-istudenti kollha ċċelebrajna matul il-ġurnata f'attivitajiet differenti.

Bdejna l-ġurnata billi l-istudenti kollha tal-iskola mill-klassijiet tal-Kinder sal-istudenti tas-sitt sena, ġew libsin kostum li jirrappreżenta xi pajjiż. Inġbarna lkoll filgħodu kmieni għat-talba fis-sala tal-iskola. Hemmhekk rajna power point dwar tfal minn postijiet differenti tad-dinja, ħafna minnhom





m'għandhomx il-kumditajiet u l-lussu li għandna aħna.

Bosta tfal madwar id-dinja qed ibatu ħafna għax m'għandhomx affarijiet bażici biex jgħixu ħajja diċenti bħal ikel, ilma, dawl, dar, edukazzjoni, ndafa, sptarijiet eċċ. Permezz ta' din il-power point tgħallimna kemm aħna tfal ixxurtjati u kemm aħna għandna nirringrazzjaw 'l Alla u kull min jieħu ħsiebna ta' dak kollu li għandna. Spiċċajna t-talba tagħna billi flimkien kantajna l-kanzunetta "We are the World" u fis-sala kien hemm atmosfera ta' festa sabiħa.

Tajjeb li nsemmu li t-tfal tar-raba' klassi għażlu li jilbsu l-kostum tradizzjonali ta' Malta u matul il-ġurnata organizzaw festin ċkejken b'ikel tradizzjonali Malti.

L-istudenti tat-tielet klassi ltaqgħu ma' Nancy Camilleri, koordinatriċi ta' Missjo Tfal, u magħha tgħallmu dwar it-tribu' Massai li jgħix fl-Afrika. Tgħallmu kif jgħixu u dwar il-kultura tagħhom. Għamlu wkoll kullana tal-kartun bħala craft bħalma jilbsu n-nies Massai u tgħallmu li l-kuluri għal dawn in-nies għandhom tifsira speċjali.

missio
Uffiċċju Missjunarju MALTA u GĦAWDEX
Għinni Nemmen Għinni Ngħix



Kienet ġurnata speċjali b'atmosfera mill-isbaħ fl-iskola tagħna. Minn hawnhekk aħna nixtieqU nwasslu l-messaġġ lit-tfal kollha li għalkemm aħna għadna tfal żgħar, xorta waħda kapaċi naħsbu f'ħaddieħor, nitgħallmu dwar kulturi ġodda u fuq kollox nirringrazzjaw 'l Alla dejjem ta' dak kollu li għandna.

**Tiftixa N.10: Sib il-kliem mitlufin.**

| | | |
|---|---|---|
| ĦAJTA | AKTAR | XTERDU |
| TIR | DAMASKU | ARANI |
| BUQARI | RESSAQ | QROLL |
| AĦBAR | ĦASSENA | SWAT |
| AKAJA | KEBAR | ILJUN |
| XALAR | INBID | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Ħ | H | X | R | T | Ċ | H | A | E | I | Y | U | D |
| A | K | T | A | R | P | P | W | N | Z | X | Q | F |
| J | Z | E | O | N | Ż | K | A | L | K | M | M | N |
| T | I | R | S | U | V | R | E | S | S | A | Q | Ħ |
| A | Ġ | D | A | M | A | S | K | U | Ġ | R | G | GĦ |
| IE | B | U | Q | A | R | I | F | X | O | W | W | I |
| Ħ | Q | E | T | Y | I | O | P | L | S | D | F | H |
| J | O | R | R | T | V | Ċ | L | Ż | Z | G | I | Ħ |
| A | N | S | N | K | U | X | T | E | R | R | N | O |
| Ħ | A | S | S | E | N | A | Q | W | W | T | B | L |
| B | L | W | E | B | I | L | J | U | N | A | I | U |
| A | K | A | J | A | Ħ | A | GĦ | I | B | D | D | Ċ |
| R | K | T | T | R | P | R | Q | X | Z | Z | T | R |

Isem :________________________ Skola:________________________

Kunjom:______________________ Klassi:_______________________

8< ------------------------------------------------------------------------------------------------------------

## Taf tgħidli min? #7

| | |
|---|---|
| 1. Kellhom pinna giddieba. (Ġer. 8, 8) | |
| 2. Dawn jitħawdu u jinqabdu. (Ġer. 8, 9) | |
| 3. Għalxejn jittallbu l-ikel. (Lam. 4, 4) | |
| 4. Dnubha ikbar minn ta' Sodoma. (Lam. 4, 6) | |
| 5. Għalih se jitniżżlu l-muntanji. (Bar. 5, 7) | |
| 6. Se imexxi lil Iżrael ferħan. (Bar. 5, 9) | |
| 7. Ħadd ma jindaħallu lil dan. (Koħ. 8, 4) | |
| 8. Toqgħodx taħt dan il-bniedem. (Sir. 4, 27) | |
| 9. Dan kien qattiel sa mill-bidu. (Ġw. 8, 44) | |
| 10. Kien iħarbat il-Knisja. (Atti 8,3) | |

| | |
|---|---|
| Isem | |
| Kunjom | |
| Skola | |
| Klassi | |

8< ------------------------------------------------------------------------------------------------------------

Prosit lil kull min ħa sehem fil-kompetizzjoni Paċi u Ġid No.91 t'Ottubru 2018 u r-rebbieħa huma: Leah Falzon (Yr 4, St Francis Cospicua) u Yolana Axisa(Yr 5, St Francis Cospicua).

Ir-rebbieħ/a tal-kompetizzjoni qed j/tingħata ktieb. Ir-rebbieħ/a jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mis-26 t'April 2019. Ibgħatu t-tweġibiet tagħkom f'dan l-indirizz:

Kompetizzjoni 'Paċi u Ġid'
Triq Nazju Falzon,
L-Imsida, MSD 1720

jew

ħallu t-tweġibiet tagħkom fl-iskejjel tas-St. Francis (Msida, Bormla, B'Kara jew Rabat Għawdex).

# “Ngħinu dejjem lil xulxin ħalli nġorru l-piż ta’ xulxin!”

VENERABBLI QADDEJJA T’ALLA
MADRE MARGERITA



SORIJIET FRANĠISKANI
TAL-QALB TA’ ĠESÙ
PROVINĊJA TA’ MALTA